KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

MAZÁK

ippreżentati fit-18 ta' Settembru 2008 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-Oberster Patent- und Markensenat (Qorti suprema dwar privattivi u trade marks) qiegħda titlob l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks [2]. Din it-talba saret fil-kuntest ta' tilwima bejn Verein Radetzky-Orden (iktar 'il quddiem "Orden") u Bundesvereinigung Kameradschaft "Feldmarschall Radetzky" (iktar 'il quddiem "BKFR") dwar ir-revoka ta' trade marks li huma proprjetà ta' din l-assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru tal-aħħar minħabba nuqqas ta' użu ġenwin. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-użu minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru f'avviżi għal avvenimenti, fuq karti użati fil-kummerċ u fuq materjal ta' reklamar u l-ġarr ta' badges li jkollhom fuqhom it-trade marks mill-membri tal-assoċjazzjoni meta jiġbru u jqassmu donazzjonijiet jikkostitwixxux użu ġenwin fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104.

I — Id-dritt Komunitarju rilevanti

2. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 89/104, intitolat "Raġunijiet għar-revokazzjoni", jipprovdi:

"1. Trade mark għandha tkun suġġetta għar-revokazzjoni jekk, f'perjodu kontinwu ta' ħames snin, ma tkunx ġiet użata ġenwinament fl-Istat Membru in konnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom hi reġistrata, u ma hemmx raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu; […]"

II — Id-dritt nazzjonali rilevanti

3. Skont l-Artikolu 10a tal-Liġi tal-1970 dwar il-protezzjoni ta' trade marks (Markenschutzgesetz 1970, BGBl. 260/1970; iktar 'il quddiem

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — ĠU 1989 L 40, p. 1.

il-"MSchG"), l-użu ta' sinjal sabiex jidentifika prodott jew servizz jinkludi, b'mod partikolari:

"(1) it-twaħħil tas-sinjal fuq il-prodotti jew fuq l-imballaġġ tagħhom, jew fuq oġġetti li fir-rigward tagħhom is-servizz huwa pprovdut jew huwa intiż li jiġi pprovdut;

(2) l-offerta tal-prodotti, jew it-tqegħid tagħhom fis-suq jew il-ħażna tagħhom għal dawn l-iskopijiet taħt dan is-sinjal, jew l-offerta jew il-provvista ta' servizzi taħt dan is-sinjal;

(3) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodotti taħt is-sinjal;

(4) l-użu tas-sinjal fuq karti użati fil-kummerċ u avviżi, u fir-reklamar."

4. L-Artikolu 33a(1) tal-MSchG jipprovdi dan li ġej:

"Kull persuna għandha d-dritt titlob il-kanċellazzjoni ta' trade mark li ilha rreġistrata fl-Awstrija għall-inqas għal ħames snin jew tgawdi minn protezzjoni fl-Awstrija skont l-Artikolu 2(2), kemm-il darba t-trade mark inkwistjoni ma tkunx ġiet użata b'mod ġenwin fl-Awstrija għall-prodotti jew is-servizzi li fir-rigward tagħhom ġiet irreġistrata (Artikolu 10a) matul il-ħames snin qabel id-data meta ġiet ippreżentata t-talba għal kanċellazzjoni, la mill-proprjetarju u lanqas minn persuna terza bil-kunsens tal-proprjetarju, salv jekk il-proprjetarju tat-trade mark jista' jiġġustifika n-nuqqas ta' użu."

III — Il-proċeduri fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

5. BKFR hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li ma tbigħx prodotti u ma tipprovdix servizzi bi ħlas. L-attività tagħha tikkonsisti, minn naħa, fiż-żamma ta' tradizzjonijiet militari, bħall-organizzazzjoni ta' ċerimonji ta' kommemorazzjoni għal membri tal-forzi armati li mietu fil-gwerra, servizzi ta' tifkira, riunjonijiet militari u l-manutenzjoni ta' monumenti tal-gwerra u, min-naħa l-oħra, f'ħidma karitattevoli, bħall-ġabra ta' flus u donazzjonijiet *in natura* u d-distribuzzjoni tagħhom lil min ikun fil-bżonn.

6. BKFR hija l-proprjetarja tat-trade marks verbali u figurattivi rreġistrati fir-reġistru tat-trade marks tal-Uffiċċju tal-Privattivi Awstrijak bin-numri 161.744 sa 161.749, li għandhom prijorità mit-22 ta' Mejju 1995. Kull waħda mit-trade marks verbali u figurattivi kienet irreġistrata għal prodotti u servizzi f'dawn il-klassijiet: 37: manutenzjoni ta' monumenti tal-gwerra; 41: edukazzjoni; taħriġ; divertiment; attivitajiet sportivi u kulturali; organizzazzjoni ta' riunjonijiet militari; 45 (li qabel kienet 42): ħidma karitattevoli għal min jinsab fil-bżonn, skont il-Ftehim ta' Nizza dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali tal-prodotti u s-servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Nizza") [3]. B'effett mill-31 ta' Jannar 2005, fuq talba tal-proprjetarja, is-servizzi "edukazzjoni; taħriġ" fil-klassi 41 ġew ikkanċellati fir-rigward tat-trade marks ikkontestati kollha.

7. BKFR waqqfet l-Ordni Radetzky li fi ħdanu jingħataw ordnijiet u dekorazzjonijiet li jikkorrispondu għat-trade marks irreġistrati bin-numri 161.745, 161.746, 161.748 u 161.749. Il-badge bl-emblema onorarja li tikkorrispondi għat-trade mark irreġistrata bin-numru 161.744 u l-badge għal brieret li tikkorrispondi għat-trade mark irreġistrata bin-numru 161.746 jingħataw ukoll mill-assoċjazzjoni lil membri u donaturi. Il-membri jilbsu dawn id-dekorazzjonijiet f'diversi avvenimenti u meta jiġbru u jqassmu flus u donazzjonijiet *in natura*. It-trade marks huma stampati fuq l-inviti għall-avvenimenti, fuq il-kartolerija u fuq il-materjal ta' reklamar tal-assoċjazzjoni.

8. B'applikazzjonijiet tas-17 ta' Awwissu 2004, Orden ippruvat tikkanċella t-trade marks skont l-Artikolu 33a tal-MSchG minħabba nuqqas ta' użu. Hija sostniet li BKFR ma użatx it-trade marks fil-kummerċ matul il-ħames snin ta' qabel.

9. Fil-21 ta' April 2006, l-Uffiċċju tal-Privattivi Awstrijak ikkanċella t-trade marks b'effett mit-8 ta' Jannar 2001. BKFR appellat quddiem l-Oberster Patent- und Markensenat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-Uffiċċju tal-Privattivi Awstrijak.

10. L-Oberster Patent- und Markensenat iddeċidiet, permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2007 li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Settembru 2007,

3 — Rivedut fi Stokkolma fl-1967 u f'Ġinevra fl-1977.

li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 12(1) tad-[Direttiva 89/104] għandu jiġi interpretat fis-sens li trade mark tkun is-suġġett ta' użu (ġenwin) sabiex issir distinzjoni bejn il-prodotti u servizzi ta' impriża minn dawk ta' impriża oħra meta assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru tużaha f'avviżi għal avvenimenti, f'karti użati fil-kummerċ u fuq il-materjal ta' reklamar tagħha u l-membri tagħha jużawha fuq il-badge li huma jilbsu waqt il-ġbir u d-distribuzzjoni ta' donazzjonijiet?"

IV — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Orden, minn BKFR, mir-Repubblika Taljana u mill-Kummissjoni. Orden, BKFR u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2008.

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

12. Orden issostni li risposta fl-affermattiv għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju ċċaħħad l-għan tal-liġi dwar it-trade marks minn kull sustanza u tippreġudika r-rekwiżiti ta' ċertezza legali inerenti f'din il-liġi. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/104 li jistabbilixxi d-drittijiet mogħtija minn trade mark, il-protezzjoni tat-trade mark hija marbuta mill-qrib mal-provvista ta' prodotti u servizzi matul il-kummerċ. Skont Orden, l-espressjoni "użu ġenwin" fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 89/104 tapplika għal attività kummerċjali jew għal attività intraprenditorjali bl-iskop ta' profitt. Attivitajiet li huma esklużivament intiżi li ma jagħmlux profitt ma jaqgħux taħt il-protezzjoni tat-trade marks. Il-funzjoni ta' trade marks hija li jiggarantixxu l-oriġini ta' prodotti jew servizzi b'tali mod li jiggarantixxu li l-provvista ekonomika inkwistjoni tkun ta' kwalità kostanti. Għalhekk il-protezzjoni tat-trade mark timplika provvista bi ħlas.

13. Orden issostni li fis-soċjetà moderna wieħed isib diversi assoċjazzjonijiet karitattevoli, bħal assoċjazzjonijiet li jipprovdu kura medika jew li jittrasportaw lill-morda, u li

prima facie jidhru li jipprovdu s-servizzi tagħhom mingħajr ħlas. Fil-verità, madankollu, assoċjazzjonijiet bħal dawn jiddependu fuq sussidji u ħlasijiet mill-Istat u huma kummerċjalment attivi u jikkompetu fis-suq tagħhom bħala fornituri. Orden tikkunsidra li tali assoċjazzjonijiet għandhom attività li hija b'mod ċar attività intraprenditorjali, filwaqt li jimpjegaw persunal permanenti. Il-prinċipju ta' provvista bi ħlas japplika f'każijiet bħal dawn anki meta l-ħlas ma jsirx mill-persuni li jkunu attwalment ibbenefikaw minnha iżda mis-sistema ta' sigurtà soċjali, minn sptarijiet, minn awtoritajiet pubbliċi eċċ. Meta trade mark ma tintużax sabiex toħloq jew iżżomm sehem fis-suq għall-prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark, tali użu għandu jitqies bħala intiż biss sabiex tiġi evitata r-revoka tat-trade mark.

14. BKFR tikkunsidra li organizzazzjonijiet karitattevoli (assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru) jikkompetu kontra xulxin fil-qasam ta' attività tagħhom u għalhekk jaġixxu bħala negozjanti fil-kummerċ minkejja li l-prodotti u s-servizzi tal-karitajiet jingħataw lil min ikun fil-bżonn. Is-sinjali ta' tali organizzazzjonijiet bħal marki, dekorazzjonijiet, insinji, emblemi jindikaw l-oriġini tal-prodotti u servizzi sabiex dawn jiġu distinti minn dawk ta' organizzazzjonijiet oħra. Barra minn hekk, l-għoti lil persuni li mhumiex membri tal-organizzazzjoni ta' dekorazzjonijiet u distinzjonijiet li jikkostitwixxu t-trade mark huwa tip ta' reklamar jew "promozzjoni" peress li jservi sabiex jippromwovi l-organizzazzjoni.

15. Il-kunċett ta' użu ġenwin ma jeskludix użu minn organizzazzjonijiet karitattevoli tat-trade marks tagħhom meta joffru s-servizzi tagħhom.

16. Għalhekk BKFR issostni li, skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104, trade mark għandha tiġi kkunsidrata bħala użata ġenwinament meta tintuża minn organizzazzjoni karitattevoli għall-prodotti jew servizzi li fir-rigward tagħhom it-trade mark hija rreġistrata u meta dawn il-prodotti jew servizzi jitqassmu mingħajr ħlas u/jew spontanjament.

17. Ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li d-domanda magħmula mill-Oberster Patent- und Markensenat għandha tingħata risposta fl-affermattiv. Peress li trade mark tista' tiġi rreġistrata minn kull persuna li tuża jew ikollha l-intenzjoni li tuża s-sinjal distintiv fil-kuntest ta' attività produttiva jew kummerċjali, iżda mhux intraprenditorjali, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li l-użu tat-trade mark minn BKFR għandu jiġi kkunsidrat bħala użu ġenwin.

18. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104 għandu jinf-

tiehem fis-sens li trade mark tintuża ġenwinament meta tintuża in konnessjoni ma' servizzi pprovduti bla ħlas fejn in-nuqqas ta' ħlas jikkorrispondi għan-natura tas-servizzi inkwistjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [4], trade mark tintuża ġenwinament fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104 jekk tintuża fis-suq għal prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark b'mod li huwa abitwali f'dan is-suq sabiex jinżamm jew jinħoloq sehem fis-suq għal dawn il-prodotti jew servizzi. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari, it-tip ta' prodotti jew servizzi, il-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat u l-portata u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark.

19. Il-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li ċerti servizzi, bħaż-żamma pubblika ta' tradizzjonijiet u ħidma karitattevoli, jingħataw bla ħlas minħabba n-natura tagħhom. Mhuwiex ikkontestat li sinjal distintiv jista' jiġi protett bħala trade mark fir-rigward ta' servizzi bħal dawn. Ikun kontradittorju fil-konfront talkwistjoni ta' użu ġenwin jekk jittieħed inkunsiderazzjoni biss l-użu tat-trade mark għal servizzi pprovduti bi ħlas. Il-Kummissjoni tikkunsidra li organizzazzjonijiet karitattevoli jikkompetu għal donazzjonijiet. Barra minn hekk, ħidma karitattevoli tissemma espressament fost id-diversi klassijiet tal-Ftehim ta' Nizza, b'mod partikolari fil-klassijiet 36, 41 (edukazzjoni ta' studenti fil-bżonn) u 43 (provvista karitattevoli ta' akkomodazzjoni għal nies bla dar).

4 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul (C-40/01, Ġabra p. I-2439, punti 35 sa 39), u d- digriet tas-27 ta' Jannar 2004, La Mer Technology (C-259/02, Ġabra p. I-1159, punti 21 sa 26).

VI — Analiżi

20. Skont id-digriet tar-rinviju, il-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-kwistjoni jekk ċerti trade marks, li kienu ġew irreġistrati minn BKFR, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, ġewx użati ġenwinament fis-sens tal-Artikolu 33a(1) tal-MSchG. Peress li l-Artikolu 33a(1) tal-MSchG huwa bbażat fuq l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ċertu użu minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru ta' trade mark jikkostitwixxix użu ġenwin fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104.

21. Fid-dawl tal-fatt li r-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark tagħti, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/104, drittijiet esklużivi estensivi lill-proprjetarju tat-trade mark li jimpedixxu lil kull terza persuna li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu milli tuża t-trade mark fil-kummerċ, il-leġiżlatur Komunitarju xtaq jassigura li t-trade marks attwalment jintużaw għall-iskop intiż tagħhom [5].

5 — Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Ansul, l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer jgħid li "[r]eġistri ta' trade marks ma jistgħux ikunu maħżen għal sinjali mohbija fl-istennija li xi ħadd, mingħajr ma jkun jaf b'dan, jipprova jużahom sabiex imbagħad tingħatalhom intenzjoni li l-iktar l-iktar tkun spekulattiva […]" (ara l-punt 42, sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4). It-tmien premessa tal-preambolu tad-Direttiva 89/104 tipprovdi f'dan is-sens li trade marks għandhom ikunu attwalment użati jew altrimenti jkunu suġġetti għal revoka.

22. Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ansul, iċċitata iktar 'il fuq, iddeċidiet li użu ġenwin ifisser użu attwali tat-trade mark. Użu ġenwin tat-trade mark jimplika użu tat-trade mark fis-suq għall-prodotti jew servizzi protetti minn din it-trade mark [6] u mhux sempliċi użu intern mill-impriża kkonċernata [7]. Użu ġenwin għandu jkun konsistenti mal-funzjoni essenzjali ta' trade mark li hija li tiggarantixxi l-identità tal-oriġini ta' prodotti jew servizzi lill-konsumatur jew lill-utent finali billi tagħtih il-kapaċità, mingħajr probabbiltà ta' konfużjoni, li jiddistingwi l-prodott jew servizz minn oħrajn li jkollhom oriġini differenti [8].

23. Meta jkun qed jiġi eżaminat jekk kienx hemm użu ġenwin tat-trade mark, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk l-esplojtazzjoni kummerċjali tat-trade mark hijiex reali, b'mod partikolari, jekk tali użu huwiex ikkunsidrat bħala ġustifikat fis-settur ekonomiku kkonċernat sabiex jinżamm jew jinħoloq sehem fis-suq għall-prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark. Għalhekk, eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ jista' jinkludi eżami, *inter alia*, tan-natura tal-prodotti jew servizzi inkwistjoni, tal-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat u tal-portata u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark. Dan ifisser li mhuwiex dejjem meħtieġ li użu tat-trade mark ikun sinjifikattiv mill-aspett kwantitattiv sabiex jiġi kkunsidrat ġenwin peress li dan jiddependi mill-karatteristiċi tal-prodotti jew is-servizzi kkonċernati fis-suq korrispondenti [9].

24. Milli jidher it-trade marks inkwistjoni filkawża prinċipali jintużaw minn BKFR, *inter alia*, fuq badges li jingħataw lil membri ta' din l-assoċjazzjoni u lil donaturi, fl-avviżi ta' avvenimenti, fuq karti użati fil-kummerċ jew kartolerija u fuq il-materjal ta' reklamar tal-assoċjazzjoni. It-trade marks jintużaw ukoll mill-membri tal-assoċjazzjoni meta jiġbru u jqassmu donazzjonijiet peress li membri tal-assoċjazzjoni jilbsu badges b'din it-trade mark f'dawn l-okkażjonijiet. Madankollu, skont id-digriet tar-rinviju, BKFR ma tipprovdi ebda prodotti jew servizzi bi ħlas.

25. Fil-fehma tiegħi, fl-eżami tal-kwistjoni ta' użu ġenwin ta' trade mark minn assoċjazzjoni

6 — Użu ġenwin ta' trade mark jeħtieġ eżami tal-użu tas-sinjal fir-rigward tal-"merkanzija jew servizzi *li għalihom hi reġistrata*" (enfażi miżjuda). Ara l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104. Għalhekk l-użu ta' sinjal li jikkostitwixxi trade mark mill-proprjetarju tagħha fir-rigward ta' prodotti u servizzi li fir-rigward tagħhom ma ġietx irreġistrata ma jikkostitwixxix, fil-fehma tiegħi, użu ġenwin tat-trade mark.

7 — Ara s-sentenza Ansul, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 35 u 37. Fis-sentenza La Mer Technology (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4) il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[…] il-preservazzjoni minn proprjetarju ta' trade mark tad-drittijiet tiegħu tiddependi fuq l-użu ġenwin tat-trade mark fil-kummerċ fis-suq tal-prodotti jew servizzi li fir-rigward tagħhom kienet irreġistrata fl-Istat Membru kkonċernat". Ara l-punt 20.

8 — Ara s-sentenza Ansul, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 36.

9 — Ara s-sentenza Ansul, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 38 u 39.

li ma tagħmilx profit [10], l-iskop [11] u n-natura speċifika tal-attivitajiet ta' assoċjazzjonijiet bħal dawn u l-mod kif dawn normalment jipprovdu prodotti u servizzi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Dan l-approċċ huwa konsistenti mas-sentenzi Ansul u La Mer Technology li fil-fatt jistabbilixxu li l-kwistjoni ta' użu ġenwin ta' trade mark għandha tiġi eżaminata każ b'każ billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari n-natura u l-karatteristiċi tas-suq fejn tintuża t-trade mark [12].

26. Fir-rigward tal-fatt li l-membri ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru jilbsu badges li fuqhom ikun hemm trade mark meta jiġbru u jqassmu donazzjonijiet, il-qorti nazzjonali indikat li hija tikkunsidra li tali użu huwa użu ġenwin għall-finijiet tal-Artikolu 12 (1) tad-Direttiva 89/104. Skont dik il-qorti, il-ġbir u t-tqassim ta' donazzjonijiet jammontaw għal servizz, fejn jeżistu diversi "prestatarji ta' servizz" li jikkompetu bejniethom.

27. Il-fehma li assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru jistgħu jikkompetu sabiex jiġbru donazzjonijiet mill-pubbliku u għalhekk jeżerċitaw attività ta' negozju jew kummerċjali, fis-sens wiesa' ta' dawn it-termini, meta jiġbru u jqassmu donazzjoni hija, fl-opinjoni tiegħi, korretta bħala prinċipju. Barra minn hekk, nikkunsidra li assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru huma, bħala prinċipju, operaturi fis-suq li jakkwistaw u jipprovdu prodotti u servizzi [13]. Għalkemm il-fatt li assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru qed jitqiegħdu f'kuntest kummerċjali jew ta' negozju jista' ma jaqbilx ħafna malperċezzjoni ġenerali tagħna ta' entitajiet bħal dawn, jiena nikkunsidra li jekk ninjoraw kompletament l-ambjent kummerċjali jew ta' negozju li fih joperaw, dan ma jkunx realistiku [14] u jista' potenzjalment jippreġudika l-attivitajiet tagħhom.

28. L-argument ta' Orden li l-attività ta' ġbir u tqassim ta' donazzjonijiet, li hija attività mingħajr ebda skop li jsir profitt, ma tistax tiġi protetta mil-liġi dwar it-trade marks huwa għalhekk, fil-fehma tiegħi, mingħajr bażi.

10 — L-istatus legali ta' assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru jista' jvarja bejn Stat Membru u ieħor. Bħala regola ġenerali, kull profitt iġġenerat minn assoċjazzjonijiet bħal dawn ma jitqassamx bejn il-membri tagħhom. Dawn l-assoċjazzjonijiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex neċessarjament sinonimi għal, organizzazzjonijiet karitattevoli.

11 — Għalkemm huwa impossibbli li fl-astratt jiġu ddefiniti b'mod eżawrjenti l-iskopijiet ta' assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru, ħafna minn dawn l-assoċjazzjonijiet jitwaqqfu sabiex jipprovdu prodotti u servizzi lil persuni privati, magħżula fuq il-bażi ta' kriterji ddeterminati minn qabel, jew bla ħlas jew b'rata mraħħsa. (L-iskop ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru jista' jkun ukoll il-protezzjoni ta' annimali jew il-ħarsien tal-ambjent, il-promozzjoni tal-kultura, eċċ. Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li tali assoċjazzjonijiet joffru prodotti u servizzi bir-rata kummerċjali f'ċerti ċirkustanzi). Sabiex iwettqu l-iskop tagħhom, ċerti assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru jistgħu jipprovaw jiġbru donazzjonijiet, per eżempju mill-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, fl-eventwalità li assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru ma tibqax tipprovdi prodotti u servizzi lil persuni privati mingħajr ħlas jew b'rata mraħħsa, ma jistax jiġi eskluż li l-persuni li qabel kienu jibbenefikaw minn dawn il-prodotti u servizzi jakkwistawhom huma stess, tal-inqas sa ċertu punt, fis-suq. Alternattivament, l-Istat jista' jintervjeni sabiex, *inter alia*, jakkwista, tal-inqas parzjalment, tali prodotti u servizzi f'isem l-imsemmija persuni.

12 — "Il-kwistjoni jekk użu huwiex biżżejjed sabiex jinħoloq sehem fis-suq għal dawn il-prodotti jew servizzi tiddependi minn diversi fatturi u minn evalwazzjoni każ b'każ li għandha titwettaq mill-qorti nazzjonali […] [l]l-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat, li jaffettwaw direttament l-istrateġija ta' marketing tal-proprjetarju tat-trade mark, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll fl-evalwazzjoni tal-użu ġenwin tat-trade mark". Ara s-sentenza La Mer Technology, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 22 u 23.

13 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11, iktar 'il fuq.

14 — Wieħed biżżejjed jaħseb fil-kunċett ta' "donation fatigue" sabiex jirrealizza li numru kbir ta' assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru jistgħu jikkompetu għal ammont limitat ta' donazzjonijiet mingħand il-pubbliku.

F'dan ir-rigward ninnota, *inter alia*, li "ġbir ta' fondi għal skopijiet karitattevoli" jissemma speċifikament fil-klassi 36 [15] tal-Ftehim ta' Nizza [16]. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Orden, ma nikkunsidrax li l-espressjoni "jużaw matul il-kummerċ" li tinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/104, li jistabbilixxi d-drittijiet mogħtija minn trade mark, teżiġi li l-prodotti u s-servizzi jiġu pprovduti bl-iskop li jsir profitt jew saħansitra bi ħlas. Il-kwistjoni ta' jekk il-proprjetarju ta' trade mark jużax dan is-sinjal għall-finijiet tal-arrikkiment personali tiegħu hija għalhekk irrilevanti meta jiġi evalwat jekk it-trade mark tkunx qiegħda tintuża ġenwinament fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104.

29. F'dan ir-rigward nikkunsidra li l-użu ta' trade mark minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru meta tiġbor fondi mingħand il-pubbliku u meta tqassam dawn il-fondi [17], sakemm it-trade mark tkun ġiet irreġistrata fir-rigward ta' tali servizzi, iservi ta' indikazzjoni għal donaturi u donaturi potenzjali tal-identità tal-assoċjazzjoni inkwistjoni u tal-iskopijiet li għalihom jintużaw il-fondi u għalhekk jikkostitwixxi użu ġenwin ta' trade mark fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104.

30. Madankollu, fid-dawl tas-sentenza Ansul tal-Qorti tal-Ġustizzja, nikkunsidra li l-użu ta' trade mark minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru matul jew sabiex tħabbar jew tirreklama ċeremonji jew avvenimenti puramment privati li jinvolvu membri eżistenti ta' din l-assoċjazzjoni jikkostitwixxi użu intern ta' din it-trade mark u għalhekk mhuwiex użu ġenwin ta' trade mark għall-finijiet tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104. Għalhekk, filfehma tiegħi, l-għoti ta' badges li fuqhom ikollhom it-trade mark lil membri eżistenti ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru waqt avvenimenti li għalihom ma jkunx mistieden il-pubbliku ġenerali jidher li jammonta għal użu intern tat-trade mark [18]. Barra minn hekk, nikkunsidra li l-użu ta' trade mark fuq karti użati fil-kummerċ li jintbagħtu lil membri eżistenti ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru huwa, bħala prinċipju, użu intern tat-trade mark li ma jikkostitwixxix użu ġenwin ta' trade mark [19]. F'ċirkustanzi bħal dawn, jidher li t-trade mark reġistrata tkun qed tintuża b'mod purament privat u mhux fil-kummerċ.

15 — Għandu jingħad li r-riferiment għal din il-klassi qed isir bl-iskop li jingħata eżempju biss peress li milli jidher it-trade marks inkwistjoni ta' BKFR ma kinux irreġistrati f'din il-klassi. Ara l-punt 6 iktar 'il fuq.

16 — Għandu jingħad li filwaqt li l-Komunità Ewropea mhijiex parti fil-Ftehim ta' Nizza, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU 1995 L 303, p. 1), is-sistema ta' klassifikazzjoni ta' prodotti u servizzi stabbilita fil-Ftehim ta' Nizza għandha tiġi applikata, *inter alia*, meta ssir applikazzjoni għal trade mark Komunitarja. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea — Protokoll 28 dwar proprjetà intellettwali (ĠU 1994 L 1, p. 194), il-Partijiet Kontraenti ntrabtu li jaderixxu qabel l-1 ta' Jannar 1995 mal-Ftehim ta' Nizza. F'dan ir-rigward jidher li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, minbarra Malta u Ċipru, huma partijiet fil-Ftehim ta' Nizza. Madankollu, fuq is-sit uffiċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali Malta u Ċipru huma indikati bħala pajjiżi li jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni stabbilita fil-Ftehim ta' Nizza. Dan ifisser li din is-sistema hija effettivament użata fl-Istati Membri kollha u għalhekk għandha valur persważiv sostanzjali fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/104.

17 — It-trade mark tista' tintuża fuq badges mogħtija lil donaturi, fuq materjal ta' reklamar għal avvenimenti fejn jinġabru l-fondi, fuq karti użati fil-kummerċ li per eżempju jitolbu donazzjonijiet mingħand il-pubbliku jew fil-forma ta' badges li jilbsu l-membri tal-assoċjazzjoni matul attivitajiet fejn jinġabru fondi mingħand il-pubbliku u meta jqassmu donazzjonijiet, etc.

18 — Nikkunsidra li l-għoti ta' badges jew emblemi li fuqhom ikollhom trade mark lil membri ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru matul avvenimenti li għalihom ikun mistieden il-pubbliku ġenerali jista' jikkostitwixxi użu ġenwin tat-trade mark jekk iservi, per eżempju, bħala reklam għall-attivitajiet ta' din l-assoċjazzjoni u sabiex jattira donazzjonijiet mill-pubbliku.

19 — F'ċirkustanzi bħal dawn is-sinjal irreġistrat ma jintużax bħala trade mark peress li l-pubbliku ġenerali jkun eskluż.

VII — Konklużjoni

31. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-deċiżjoni magħmula kif ġej:

L-Artikolu 12(1) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, għandu jiġi interpretat fis-sens li trade mark tintuża b'mod ġenwin meta assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru tuża t-trade mark, *inter alia*, f'avviżi għal avvenimenti għall-ġbir ta' fondi mill-pubbliku, meta tiġbor donazzjonijiet mingħand il-pubbliku u tqassam donazzjonijiet, fuq karti użati fil-kummerċ indirizzati lil membri tal-pubbliku u fuq materjal ta' reklamar li jitlob donazzjonijiet mingħand il-pubbliku, sakemm it-trade mark tkun irreġistrata fir-rigward ta' tali servizzi. Għalhekk hija l-Oberster Patent- und Markensenat li għandha tevalwa l-fatti fil-kawża prinċipali fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni.